28 ta' Frar 2015

26/2015

## L-EWWEL ŻJARA PASTORALI TAL-ARĊISQOF-ELETT MONS. CHARLES J. SCICLUNA

**Data: Il-Ħadd, l-1 ta' Marzu 2015**

Post: Id-Dar tal-Providenza, is-Siġġiewi

Ħin: 10:15 a.m.

L-ewwel żjara pastorali tal-Arċisqof-elett, Mons. Charles J. Scicluna, barra l-parroċċa ta' Ħal-Lija, ser tkun fid-Dar tal-Providenza. Hija xewqa personali ta' Monsinjur Scicluna li jżur ir-residenti ta' din id-Dar. Għada, l-Ħadd l-1 ta' Marzu 2015, l-Arċisqof-elett ser jiċċelebra Quddiesa fil-kappella tad-Dar tal-Providenza, u wara jżur lir-residenti. Il-Quddiesa tibda fl-10.00 a.m.

Il-media hija mistiedna tirrapporta l-omelija tal-Arċisqof-elett, u ż-żjara li ser jagħmel lir-residenti tad-Dar tal-Providenza.

Illejla, fid-6.30 p.m., l-Arċisqof-elett ser jiċċelebra Quddiesa fil-parroċċa ta' Ħal-Lija. Din hija l-istess parroċċa fejn Mons. Scicluna huwa residenti.